MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Numru. 654/2006

PULIZIJA
SPETTUR LOUISE CALLEJA
VS
OMAR M. AMMAR Z. JOLGHAM

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Omar M. Ammar Z. Jolgham, ta' 30 sena, bin Mohamed u Mabruka, imwieled Ghorian, Libja, fit-30 t'Ottubru 1975 u residenti Wied il-Ghajn, u detentur ta' passaport Libjan bin-numru 466934, u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, gewwa Wied il-Ghajn, fit-30 ta' Gunju 2006, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, u cioe' talli:
(a) b'eghmil zieni kkorrompa lil *omissis A*, minuri ta' *omissis* snin;
(b) eccita, ghen jew iffacilita' l-korruzzjoni ta' l-istess minuri *omissis A*;

(c) seraq, b’qerq jew seduzzjoni, lill-imsemmi *omissis A* bil-hsieb li jabbuza minnu;
(d) bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil *omissis A*, persuna taht l-eta’ kontra l-volonta’ tieghu u dan bhala mezz biex hu jigi mgieghel jaghmel xi haga, jew joqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess tieghu;
(e) offenda l-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku u/jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tas-17 t’Ottubru 2007 li fih l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tad-19 ta’ Lulju 2007.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tad-Difiza tat-3 t’Awissu 2007.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni jirrizulta illi *omissis B* kienet ghamlet rapport lill-Pulizija fit-2 ta’ Lulju ta’ l-2002 rigwardanti akkuzi sesswali fuq it-tifel taghha *omissis A*, minn ragel Tunezin. A fol 12 tal-process, *omissis B* tat id-dettalji ta’ kif hija saret taf fuq dan l-abbuz, u kif waslet biex taghmel ir-rapport lill-Pulizija. *Omissis B* xehdet illi t-tifel taghha kien qalilha b’dak li kien ghadda minnu, u cioe’ li kien iltaqa’ ma’ Tunezin fil-kazin, u dan stiednu biex imur fir-residenza tieghu (tat-Tunezin), it-tifel taghha ma riedx ghax qallu li kien diga’ dahal fiha dik ir-residenza, u sadanittant, dan it-Tunezin beda jqieghed idu fuq saqajn il-minuri, il-minuri *omissis A* kien qieghed

jiddejjaq u ghalhekk il-minuri qieghed idu fuq il-parti ta' saqajh fejn dan it-Tunezin kien qieghed imiss.

Illi minhabba illi dawn il-mossi baqghu ghaddejjin, il-minuri qabad u hareg mill-kazin, u t-Tunezin segwih u kif waslu quddiem ir-residenza tat-Tunezin, it-Tunezin hatfu minn idu u dahhlu 'l gewwa, u sakkar il-bieb bic-cavetta. It-Tunezin tellghu fuq u talbu biex jaghmlu s-sess, il-minuri rrispondieh li dawn l-affarijiet huwa ma jaghmilhomx, u t-Tunezin beda jghidlu '**mela m'intix tajjeb'**. Imbaghad beda jaghmel idejh fuq kuxxtejh u fuq idejh u l-minuri prova jinzel 'l isfel, u t-Tunezin nizel warajh u beda jghafsu minn spallejh. Imbaghad beda jkellmu bil-hlewwa u talbu biex ibusu.

*Omissis B* xehdet illi ghalkemm insistiet ma' binha biex jghidilha jekk filfatt dan biesux, it-tifel *omissis A* ma rrispondihiex. Minn dan il-punt 'l quddiem, it-tifel ma kompliex jaghti d-dettalji fuq dak li gralu lil ommu *omissis B*. Omm il-minuri kompliet tghid illi din l-esperjenza tat-tifel taghha halliet diversi konsegwenzi, fosthom illi t-tifel kien bezghan hafna u lanqas ma kien irid imur fit-toilets pubblici wahdu. Filfatt kien dahal ma' ommu fit-toilet tal-bniet. *Omissis B* xehdet illi wara l-incident li fih kien involut dan it-Tunezin u t-tifel taghha *omissis A*, saret taf illi l-istess Tunezin kien ipprova jittanta lil binha l-kbir *omissis D*, u lill-habib tieghu *omissis E*. (ara xhieda a fol 14).

*Omissis B* kompliet tghid illi hija qatt ma ltaqghet u ma tafx lil dan it-Tunezin u allura ma kinitx f'pozizzjoni illi tidentifikah. A fol 15, ikkonfermat il-kwerela u kkonfermat illi trid tipprocedi bil-proceduri kriminali kontra l-imputat.

*Omissis C*, missier *omissis A*, ukoll ikkonferma r-rapport illi ghamel lill-Pulizija fit-2 ta' Lulju 2006, rigwardanti abbuz sesswali tat-tifel tieghu *omissis A*. *Omissis C* xehed illi t-tifel kien tah ftit dettalji minn dak li ghadda minnu, qallu li huwa kien fil-kazin meta ltaqa' ma' Tunezin, u dan pogga bilqeghda hdejh u beda jkellmu, ghamel idejh fuq kuxxtejh u beda jaqbad idejn it-tifel tieghu *omissis A* u beda jaghmel idu fuq kuxxtejh (tat-Tunezin). Illi t-tifel iddejjaq u mar ipoggi fuq banketta ohra u gie segwit mill-istess

Tunezin, u regghu bdew b’dawn il-kunfidenzi, fl-ahhar it-tifel qam u telaq ‘l barra mill-kazin u gie segwit mit-Tunezin. Illi meta *omissis A* wasal vicin tar-residenza ta’ dan it-Tunezin, dan it-Tunezin qabdu mill-polz u gibdu ‘l gewwa ghal god-dar. *Omissis C* xehed illi ibnu qal illi dan it-Tunezin beda jurih il-kmamar tad-dar u dahhlu fil-kamra tas-sodda, qabdu minn idejh biex jigbdu ‘l gewwa izda t-tifel irrezista billi qabad mal-bieb ta’ l-aluminium. Dan it-Tunezin talab lil dan it-tifel biex jaghmlu s-sess u l-minuri rrifjuta.

*Omissis C* xehed illi ibnu qallu illi dan it-Tunezin kien rega’ beda jaqbad idejn il-minuri u jaghmilhomlu fuq kuxxtejh u anke fuq is-sigrieti tieghu. Imbaghad it-tifel nizel isfel ghax beza’ u prova jiftah il-bieb ta’ barra izda sabu msakkar. Illi t-Tunezin imbaghad qabad lill-minuri minn ghonqu, beda jipprova jbusu fuq xufftejh u t-tifel imbuttah. It-tifel rega’ prova jiftah il-bieb u dan it-Tunezin qallu **‘all right tikkonfondix’**, u fetahlu l-bieb u hareg ‘l barra.

*Omissis A* hareg mid-dar ta’ dan it-Tunezin u telaq jigri lejn il-gnien, u ltaqa’ ma’ *omissis D*, ta’ *omissis* sena, qallu xi gralu u dak tah struzzjonijiet li jmur lura l-kazin, jghid dan kollu lill-mara tas-sid tal-kazin sabiex din tindukrah. Nel frattemp, *omissis D* iltaqa’ ma’ *omissis E*, li jigi hu *omissis A* u qallu bil-kaz. Kien hawnhekk illi mbaghad informa lill-genituri.

*Omissis A*, a fol 21 et seq, xehed illi huwa kellu *omissis* snin u li kien qieghed fil-Kummissjoni Zaghzagh tal-Kazin tal-Banda. Illi fil-gurnata in kwistjoni, ghal habta ta’ xid-disgha, id-disgha u nofs, huwa kien qieghed fil-kazin u kien hemm il-mara ta’ sid il-bar li kienet qeghda tiehu hsieb il-bar, certu Rita. *Omissis A* xehed illi huwa kien qieghed fuq banketta hdejn il-bar, waqt illi dan it-Tunezin li kien jismu Omar kien qieghed fuq banketta ohra mal-bar. *Omissis A* xehed illi dan it-Tunezin beda jqieghed idejh fuq saqajn il-minuri, cioe’ jmellislu kuxxtejh u jdejh, waqt li beda jaqbadlu mac-curkett:

**‘Xi drabi jitfaghli jdejh fuq il-private body tieghu, u nerga’ nitfaghha fuq kuxxtejha. Imbaghad ergajt**

**tellajtha fuq il-bar, mort fuq banketta ohra u kif dejjaqni tlaqt ‘l barra, u gie warajja, qalli isma’ *omissis A*, qalli trid tigi tara d-dar tieghi, qedtlu le qedtlu ghax diga’ rajtha, kien joqghod il-habib tieghi ta’ *omissis* sena, u anke ismu nghidlek.’ (ara xhieda a fol 24).**

Dan it-Tunezin baqa’ jinsisti mieghu biex jigi jara d-dar, u li l-minuri baqa’ jirrifjuta u jghidlu li kellu bzonn jirritorna d-dar. Il-minuri hareg ‘l barra mill-bar, it-Tunezin qabadlu jdejh mill-polz, gibdu lejn id-dar tieghu, tellghu ‘l fuq, dahhlu gewwa, tellghu t-tarag, ghalaq il-bieb, sakkar il-bieb, u dahhlu fil-bitha. Il-minuri jghid **illi allavolja l-imputat beda jkellmu bil-hlewwa, xorta wahda kien qed izommu bis-sahha minn idejh**. F’xi hin wara, dan it-Tunezin beda jitlob lill-imputat biex joqghod bilqeghda fuq kuxxtejh, u l-minuri rrifjuta. Imbaghad qallu biex joqghod komdu u jintefa’ fejn irid, izda l-minuri rrifjuta. Il-minuri beda jimxi lejn il-kamra tal-banju sabiex ikun jista’ johrog, u **dan it-Tunezin rega’ qabad lill-minuri mill-polz bis-sahha u talbu biex jaghmlu s-sess**. Il-minuri rrispondieh li dak ma kienx tajjeb ghalih ghax kien ghadu zghir. Imbaghad il-minuri nizel it-tarag u t-Tunezin nizel qablu u meta l-minuri prova jiftah il-bieb, dan it-Tunezin prova **jbusu fuq xufftejh izda l-minuri mbuttah mal-hajt**. Il-minuri rega’ prova jiftah il-bieb u ma setax, u kien f’dan il-mument illi t-Tunezin imbaghad iddecieda illi jiftah is-serratura u jhalli lill-minuri johrog minn daru.

*Omissis A* xehed kif filfatt imbaghad iltaqa’ ma’ habib minn tal-Kummissjoni, kif mar ghall-kenn fil-Kazin tal-Banda, u kif imbaghad sar jaf huh illi nforma b’dan kollu lill-genituri tieghu u kif sar ir-rapport lill-Pulizija. Il-minuri *omissis A* xehed illi dan it-Tunezin kien ikkonsma tlett birer fil-prezenza tieghu waqt illi kien fil-kazin. A fol 26, il-minuri xehed li dan it-Tunezin kien jismu Omar. Il-minuri xehed ukoll illi dan it-Tunezin kien prova jilaghblu mac-curkett li kien f’id il-minuri, filfatt hadulu u wara ftit rega’ tahulu. Il-minuri xehed ukoll illi **meta t-Tunezin prova jaghmel id il-minuri fuq il-parti genitali, il-minuri tajjarlu jdejh.**

A fol 28, il-minuri ta deskrizzjoni ta’ fejn tinstab ir-residenza ta’ dan it-Tunezin. Il-minuri xehed illi kif tidhol

fil-bieb ta’ l-appartamenti, ghandek tarag u tidhol go kamra tas-sodda, imbaghad hemm qata’ ghal fejn tiekol, il-kcina, ‘toilet’ u bitha. Semma’ wkoll li kien hemm zewg bibien f’dan l-ambjent, u qal illi Omar kien sakkar il-bieb ta’ barra ta’ l-appartament. Il-minuri xehed illi dan Omar kien offrielu xi haga x’jixrob, illi ghall-ewwel irrifjuta, imbaghad meta nsista, kien talbu ghal Pepsi. Ikkonferma illi filfatt pero’, Omar ma kien offrielu xejn x’jixrob jew jiekol. Il-minuri ma kienx cert jekk kienx hemm xi loghba tal-‘football’ fuq it-‘television’ dakinhar.

In kontro ezami, il-minuri qal illi apparti Rita tal-‘bar’ u dan it-Tunezin Omar, **ma kien hemm hadd iehor fil-‘bar’**. Il-minuri qal illi huwa kien il-kazin fid-disgha u nofs, jitkellem mal-mara tal-‘bar’, u dan stante illi r-ragel taghha Joe, (li propjament hu xtaq jitkellem mieghu), kien okkupat banda ohra**. Il-minuri xehed illi l-mama’ tieghu kienet tkun taf fejn hu ghaliex huwa jkun il-kappella jew ikun qed jarma’ fil-mahzen tal-kazin.** Il-minuri xehed illi huwa kien dam ghand it-Tunezin bejn hamsa u hmistax-il minuta. Il-minuri nnega li kien hu li beda jitkellem ma’ Omar, u jispjega illi kien dan it-Tunezin li qabad il-konversazzjoni. Xehed illi fil-kazin, Omar kien dam ikellmu bejn ghaxra u hmistax-il minuta.

A fol 32, il-minuri jispjega:

**‘Le jien ma kont qed naghmel xejn, hu beda jittantani, imbaghad bdejt nerga’ nqieghed saqajja fuq kuxxtejha, nerga’ ntella’ jdejja fuq il-bar imma ghal xejn, ghax jerga’ jmissli kuxxtejja, jaqbadli l-private body, imellisli kuxxtejja u jmellisli jdejja.’**

Dan sar waqt illi Rita tal-‘bar’ kienet qeghda wara l-‘counter’ tal-‘bar’, u cioe’ xi boghod ta’ erba’ jew hames piedi. Il-minuri stqarr illi Rita ma kienet rat xejn minn dan, u stqarr illi l-ambjent fejn hadu Omar kien ambjent illi kien jafu ghaliex kellu habib li kien jghix mal-genituri tieghu f’dan il-post qabel. Il-minuri xehed illi fid-dar ta’ Omar, kien hemm biss saqqijiet ma’ l-art, u l-minuri ra bejn seba’ u tmien saqqijiet ma’ l-art. Il-minuri xehed illi meta dahal go l-ambjent ta’ Omar, dan kien:

**'baqa' jzommli jdejja sakemm wasalna qisu sa fejn il-kamra tal-banju, imbaghad rega' telaqli jdejja, u qalli tini jdejk, qedtlu ghaliex, u mbaghad rega' jghidli l-istess kliem. Imbaghad qabadli jdejja u qbadt mal-bieb ta' l-aluminium, u bdejt ningibed lura, u mbaghad wara telaqli jdejja u qalli poggi fuq kuxxtejha, qedtlu ghaliex u rega' qalli l-istess kliem u qedtlu le, qedtlu all right kif qieghed.' (ara fol 35).**

Il-minuri xehed illi dan Omar kien qabadlu jdejh meta waslu quddiem il-bieb ta' l-appartament u mhux mill-kazin, u allura ma bediex jghajjat. Il-minuri xehed, a fol 36, illi kien Omar stess illi qallu li kien mit-Tunezija. **Il-minuri xehed illi kien f'pozizzjoni jaghraf lil dan il-persuna jekk jarah. Infatti, a fol 36, il-minuri identifika lill-imputat prezenti fl-awla.**

A fol 44, Spettur Louise Calleja esebiet certifikat tat-twelid tal-minuri *omissis A*, esebit bhala dokument LCX.

*Omissis F*, a fol 46, hu l-minuri *omissis A*, xehed illi huwa sar jaf b'din il-facenda mill-habib tieghu *omissis D*, u dan ghaliex huh *omissis A* beda jibza' jitkellem mal-familja. Spjega kif dan il-habib tieghu *omissis D* waqqfu meta hu kien sejjer ghax-xoghol, u wrieh certu urgenza li jkellmu. Kien hemmhekk illi qallu fuq l-abbuz sesswali ta' huh *omissis A*, u kien hemmhekk illi *omissis F* nforma lill-genituri tieghu.

*Omissis D*, a fol 50, ikkonferma li huwa kien ircieva messagg minghand siehbu li ndika li *omissis A* ried ikellmu. Illi ghalhekk, huwa mar isib lil *omissis A* u l-minuri *omissis A* rrakkuntalu dak kollu illi ghadda minnu, u cioe' l-abbuz sessswali da parti ta' certu Omar. Illi minn hemmhekk, *omissis D* nforma lil Joe Micallef, il-'barman' tal-kazin, u ttiehdet id-decizjoni illi jinfurmaw lill-genituri. Dak il-hin stess, kien ghaddej *omissis F* u ghaldaqstant, *omissis D* hareg jigri biex jghidlu.

Rita Micallef, a fol 53 et seq, ikkonfermat illi r-ragel taghha Joseph Micallef jiggestixxi 'bar' tal-kazin tal-banda ta'

Wied il-Ghajn, u kkonfermat illi hija taf lil *omissis A*. Ikkonfermat illi **fit-30 ta' Gunju 2006, dan it-tifel kien gie jibki u qalilha li Omar kien prova jabbuza minnu.** Ikkonfermat illi ftit qabel, kienu prezenti fil-'bar' Omar u dan it-tifel *omissis A*. Xehdet illi Omar kien qed jixrob, illi t-tifel kien prezenti fil-'bar', illi hareg Omar, u wara ftit hareg it-tifel minn gol-'bar'. **Xi ftit hin wara, dan kien rega' dahal lura fil-'bar' jibki u qalilha bl-istorja ta' l-abbuz**. Rita Micallef ma setghetx tiftakar jekk kemm-il darba dan it-Tunezin kien offra lil dan it-tifel xi haga biex jixrob. Micallef xehdet ukoll illi waqt illi Omar u t-tifel kienu fil-'bar', hi ma rat xejn illi ghajnha ghokritha minnha. Rita Micallef xehdet illi hija kienet tat parir lit-tifel biex imur id-dar tieghu, u li ftit wara l-minuri filfatt inhareg mill-hanut. Rita Micallef identifikat kemm lil *omissis A* l-minuri u kif ukoll lil Omar, bhala l-imputat prezenti fl-awla.

PS 91 Michael Buttigieg, ikkonferma r-rapport tal-Pulizija illi gie maghmul minn *omissis C* rigward abbuz sesswali fuq it-tifel tieghu *omissis A* minn Omar, Tunezin, u esebixxa l-okkorrenza dokument PS1, a fol 63 et seq. Illi minn hemmhekk huwa nforma lill-Ispettur Anthony Cassar.

Spettur Anthony Cassar, a fol 65 et seq, xehed illi fit-2 ta' Lulju 2006, kien gie *omissis C* jaghmel rapport dwar abbuz sesswali fuq it-tifel tieghu *omissis A*, u kkonferma x-xhieda tal-minuri.

Spettur Louise Calleja, a fol 70, ikkonfermat ir-rapport illi kien ghamel *omissis C* fit-2 ta' Lulju 2006, rigward it-tifel tieghu *omissis A*, esebiet l-istqarrija ta' l-imputat bhala dokument LCX, li tinstab a fol 72 u 73.

F'din l-istqarrija, l-imputat iddikjara illi hu kien gie Malta fil-15 ta' Novembru 2005, biex izur lill-habib tieghu, certu Mohammed, u li ma kellux visa biex joqghod Malta. Ikkonferma illi hu qatt ma hadem hawn Malta, u li kien gab mieghu 2500 Dollars. Xehed illi ghamel zmien jghix Tas-Sliema, u mbaghad beda jghix f'Wied il-Ghajn, fejn kien ihallas kera ta' hamsa u tmenin Lira Maltin (Lm85) fix-xahar. Dan il-fond huwa qed jghix mieghu flimkien ma'

nies ohra. Fil-gurnata ndikata fic-citazzjoni, l-imputat stqarr illi seta' gara illi huwa kien qieghed fil-kazin tal-banda, u li f'dan il-kazin kien hemm tifel illi jaf hu bhala *omissis A*, li ghandu bejn *omissis* u *omissis* snin. **Ikkonferma illi f'idejn dan it-tifel kellu curkett.** L-imputat stqarr illi kien dan it-tifel li beda jkellmu, illi kien il-minuri li gibed banketta u qaghad hdejh, u beda konversazzjoni. L-imputat xehed illi kien tah ismu u tah l-indirizz tieghu. L-imputat stqarr illi huwa offrielu 'drink' u li ha 'orange juice':

**'Kelli grokk u qedt lill-mara x'ghandi ntiha, hallastha u mort id-dar. L-ghada jien ma mortx il-kazin pero' l-pitghada mort'.**

L-imputat stqarr illi kien ikkonsma tnejn Lager u tnejn JB Whisky. L-imputat innega illi hu ta fastidju, jew qaghad jittanta jew imiss lil dan il-minuri. Xehed illi huwa kien ra lil dan it-tifel darbtejn fil-kazin. Innega illi waqt li kien fil-kazin, huwa qabad idejn *omissis A* u ghamilhom fuq il-parti genitali tieghu. Innega illi huwa segwa lit-tifel u li gibdu minn idejh u hadu fil-flat tieghu, jew li sakkru gewwa. Innega illi pprova jbus lil *omissis A*, u stqarr illi sussegwentement:

**'Pero' gie jhabbatli l-bieb darbtejn ghandi, meta mort niccekja ma' sibt lil hadd imma kien hemm mara toqghod faccata u qaltli li *omissis A* gie jhabbatli.'**

Rita Micallef, in kontro ezami, ikkonfermat illi hi ma tantx tkun il-'bar', ghaliex dan huwa gestit mir-ragel taghha, pero' li waqt li tkun fil-'bar', gieli nzertat lill-minuri *omissis A*. Dan il-minuri gieli kien wahdu fil-kazin u gieli kien ma' tfal ohra u anke mal-genituri tieghu. Xehdet illi lill-imputat tafu, izda nzertatu fil-'bar' xi darba jew darbtejn. Ikkonfermat illi l-'bar' huwa maghmul minn kamra wahda u li hija pjuttost zghira, u kkonfermat illi meta wiehed ikun wara l-'bar':

**'Mhux se tara min hu barra ghax il-bieb qieghed hawn u l-bar qieghed hekk, imma m'hemmx boghod b'kollox.' (ara xhieda a fol 84).**

Rita Micallef ikkonfermat illi kemm Omar u kif ukoll *omissis A* kienu qeghdin fuq banketta vicin mal-'counter'. Rita Micallef ma setghetx tirrispondi jekk kemm-il darba kienx hemm konversazzjoni bejn dan Omar u dan it-tifel ghaliex hija ma kinitx mohha fihom izda mohha f'xogholha. Rita Micallef xehdet illi hija f'ebda hin ma rat lit-tifel bezghan, u li *omissis A* hareg mill-kazin b'pass normali.

Rita Micallef xehdet illi ma dehrilhiex illi certu *omissis E* kien qieghed ma' *omissis A* dak il-hin fil-'bar'.

L-imputat Omar Jolgham, a fol 91, xehed bil-gurament u qal illi fit-30 ta' Gunju tas-sena ndikata fic-citazzjoni, kien mar il-kazin tal-banda ta' Wied il-Ghajn u kien qatta' xi siegha u nofs f'dan il-'bar'. Wara dan, kien dahal tifel, gab banketta u qaghad bilqeghda hdejh mal-'bar'. Dan it-tifel kien staqsa ghall-'barman', u l-mara ta' wara l-'bar' kienet irrispondietu illi dan kien qed idoqq. Minn hemmhekk, dan it-tifel beda jkellem lilu u staqsieh jekk kienx Omar it-Tunezin, u talbu jekk joqghodx fil-flat vicin li ghandu l-bieb ta' barra kulur blu. L-imputat xehed illi huwa kien irrispondieh billi talbu jghidlu ghaliex dawn id-domandi, u l-minuri qallu li kellu habib tieghu li kien joqghod hemmhekk u beda jistaqsih domandi ohra dwar kemm kien ilu hawn Malta.

**L-imputat xehed illi huwa kien staqsa lil dan it-tifel jekk kellux bzonn xi haga, li kien dahal ragel Malti u kien offrielu zewg fliexken birra, u li qabad konversazzjoni ma' dan il-Malti. Illi dan ir-ragel Malti kien offra 'drink' lil dan it-tifel, li accetta u talab ghal 'orange juice'**. L-imputat stqarr illi kien hu pero' illi ta struzzjonijiet lill-mara tal-'bar' biex iggiblu 'orange juice'. Illi wara dan, huwa qam, hallas ghad-'drink' u telaq 'l barra, u halla lit-tifel mal-mara ta' wara l-'bar' u mar id-dar. L-ghada l-Gimgha, fis-saghtejn ta' wara nofsinhar, habbat il-bieb u meta mar jiftah it-tieqa biex ihares ghal isfel, ma sab lil hadd, pero' kien hemm mara ta' faccata tal-flat illi qaltlu li l-persuna li kien habbat kien tifel, u dan telaq jigri. Din il-mara ma jafhiex. Dakinhar stess filghaxija, huwa

rega’ mar fil-hanut imsemmi, pogga fuq mejda, u dan it-tifel dahal u rega’ hareg mill-hanut. Dan kien tard hafna bil-lejl. L-imputat xehed illi huwa kien ordna kafe’ biss u mbaghad mar lura l-flat tieghu.

Illi huwa qatt ma rega’ ra lil dan it-tifel qabel ma gew ihabbtulu l-bieb il-Pulizija. L-imputat jiddeskrivi l-‘bar’ tal-kazin tal-banda u qal illi kien hanut zghir hafna, illi ghandu l-‘bar counter’ fuq in-naha tax-xellug meta tkun diehel, u li madwar il-bank kien hemm xi erba’ mwejjed imdawwrin bis-siggijiet. Ta wkoll deskrizzjoni tal-flat tieghu, li tinstab a fol 94.

In kontro ezami, l-imputat jinnega illi kien hu illi talab isem il-minuri. Rigward ic-curkett li kien f’id it-tifel, l-imputat jghid illi f’ebda hin ma mess dan ic-curkett. L-imputat xehed illi huwa qatt ma kellu xi jghid ma’ Rita Micallef tal-‘bar’ **u li lil dan it-tifel qatt ma kien rah qabel. Ikkonferma illi t-tieni darba illi ra lil *omissis A* fil-‘bar’, huwa ma kellmux.** L-imputat, mistoqsi mill-Qorti diversi drabi**, innega b’mod kategoriku illi huwa mess sesswalment lil dan it-tifel.**

L-imputat, a fol 97, ma setax jispjega ghaliex dan il-minuri kellu jivvinta din l-istorja fuqu. Lanqas ma kien jaf ghaliex dan it-tifel kien habbatlu l-bieb ta’ barra l-ghada u telaq jigri. L-imputat kien skanta kif dan il-minuri kien pogga bilqeghda hdejh u beda l-konversazzjoni u jaghmel id-domandi hu.

A fol 98 tal-process, l-imputat ikkonferma l-istqarrija tieghu a fol 72, wara li din giet moqrija lilu.

A fol 103, Spettur Louise Calleja kkonfermat illi hija pruvat taghmel investigazzjoni rigwardanti dik il-mara li kienet toqghod faccata tal-flat ta’ l-imputat, u ghamlet appuntament, izda minhabba xoghol urgenti, hija kellha thassar dan l-appuntament.

Rita Farrugia, a fol 106, xehdet illi hija tghix fi flat faccata ta’ l-imputat, u xehdet illi f’okkazjoni minnhom, kien habbat il-bieb ta’ l-imputat certu tifel, illi tat deskrizzjoni tieghu, u

cioe' illi kien ismar u li kellu madwar xi *omissis* snin, u li jismu *omissis A*, pero' ma tafx x'kunjomu. Xehdet illi dan it-tifel kien ghamel din l-azzjoni filghaxija, u cioe' li kien habbat il-bieb ta' l-imputat u telaq jigri. A fol 109, Rita Farrugia kkonfermat illi meta hareg mit-tieqa l-imputat, hija kienet infurmatu li kien habbatlu tifel u li dan kien telaq jigri.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-fatti u provi migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti, jidher evidentement illi l-provi tal-Prosekuzzjoni u dawk imressqa mid-Difiza, huma dijametrikament opposti.

Illi din il-Qorti apprezzat u ezaminat il-komportament ta' kull xhud fil-pedana tax-xhieda, u hi tal-fehma illi l-verzjoni illi ta l-minuri kienet wahda kredibbli u vero simili u dan wara li l-Qorti wiznet l-import ta' l-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:

*'L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbilita' tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies ta' l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.'*

Illi dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet, primarjament ghaliex din il-Qorti semghet xhieda ta' tifel ta' *omissis* snin illi rrakkonta b'mod vividu mmens, il-manjiera li biha l-imputat iltaqa' mieghu fil-hanut tax-xorb, kif bdiet il-konversazzjoni, u l-kunfidenzi zejda u ndecenti li l-imputat ghamel fuqu, anke waqt illi dan kien f'post pubbliku, u cioe', go hanut tax-xorb.

Illi l-fatt illi sid il-hanut Rita Micallef ma rat xejn minn dak illi stqarr il-minuri, huwa fattur illi nfatti jsahhah ix-xhieda tal-minuri, fis-sens illi l-imputat u l-minuri kienu qeghdin mal-'bar', u l-imputat kien qed imiss kuxxtejn il-minuri u id

il-minuri minn wara l-'bar', fejn allura Rita Micallef assolutament ma kinitx f'pozizzjoni li tara x'qed jigri, stante li ma kellhiex vizwali minhabba l-gholi tal-'bar'.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tad-Difiza, u dan fi sforz illi tixxejjen it-testimonianza tal-minuri, gie allegat illi dan il-minuri kien jifrekwenta dan il-'bar' minghajr ma kien akkumpanjat minn adult; li kien il-minuri illi segwa lill-imputat u mhux vice versa; u li l-minuri, fil-hin li l-imputat kien allegatament qieghed imissu fil-'bar', ma ghamel ebda rejazzjoni li setghet tinduna biha Rita Micallef.

Din il-Qorti, ghalkemm taprezza l-gravita' ta' inkonsistenzi serji li jistghu jwasslu lill-gudikant biex iwarrab testimonianza ta' xhud, ma tistax, in koxxenza, tasal ghal din il-konkluzjoni fuq dawn il-fatti illi mhumiex ta' mport krucjali.

Illi (apparti l-fatt li dan il-minuri mar fil-'bar' sabiex jistaqsi ghar-ragel ta' Rita Micallef minhabba li dan kien fil-kazin tal-banda, u li l-minuri kien jghin fl-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-knisja) il-fatt jekk kienx il-minuri li hareg qabel jew wara l-imputat, ma jiccentrax fl-istorja serja ta' dan il-kaz.

Illi di piu', minuri li jigi rinfaccjat ghal l-ewwel darba b'avvanzi sesswali ferm al di la minn dak li huwa kapaci li jaffronta jew li huma fl-esperjenza tieghu, mhux dejjem jirrejagixxi kif mistenni jew fil-pront. Fl-esperjenza ta' din il-Qorti, u kif inhu maghruf mill-psikologi u awturi f'dan il-qasam ta' 'child abuse', wiehed anzi jaghraf illi r-rejazzjoni tal-minuri hafna drabi tkun wahda katatonika.

Dak li huwa cert huwa r-rejazzjoni mwerwra tal-minuri kif deskritta minnu kif ukoll minn Rita Micallef meta dan irnexxielu jahrab mill-fond ta' l-imputat.

Illi di piu', l-imputat fit-testimonianza tieghu quddiem il-Qorti, jintroduci terza persuna Malti illi allegatament huwa kien qieghed f'konversazzjoni mieghu, u li sahansitra dan il-Malti kien offra 'drink' lilu u lit-tifel.

Illi ta' min jghid illi l-imputat imkien fl-istqarrija tieghu ma semma' lil dan il-persuna u Rita Micallef tal-kazin tal-banda tasserixxi b'mod kategoriku illi l-imputat u l-minuri *omissis A* kienu wahedhom fil-'bar'.

Illi kieku din l-asserzjoni kienet vero simili, din il-Qorti kienet tistenna illi Rita Micallef tigi mistoqsija fuq l-identita' ta' dan il-"Malti", u li l-Qorti kien ikollha l-opportunita' biex tisma' x-xhieda tieghu.

Illi din il-Qorti apprezzat il-fatt illi l-imputat semma' c-curkett li kellu t-tifel, u dan kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll fit-testimonianza tieghu quddiem il-Qorti.

L-imputat ma ta ebda spjegazzjoni li dan it-tifel, ghalkemm kellu biss *omissis* snin meta sehh l-incident, kellu jigdeb fuqu.

Illi di piu', ix-xhieda mressqa mid-Difiza, cioe' Rita Farrugia, ma tat ebda data jew approssimita' ta' data meta *omissis A* cempel il-qanpiena tad-dar ta' l-imputat u telaq jigri, u fin-nuqqas ta' dan, din il-Qorti ma tarax li tista' b'xi mod logiku taghti piz lil din it-testimonianza.

L-imputat jinstab mixli b'korruzzjoni ta' minorenni, ai termini ta' l-Artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

*'203(1):*
*Kull min b'eghmil zieni jikkorrompi persuna taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha; izda l-piena ghal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn tlett snin sa sitt snin bir-rekluzjoni jew minghajrha, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*
*(a) jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax-il sena jew inkella bi vjolenza;*
*(b) jekk id-delitt isir bit-theddid jew b'qerq;*
*(c) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew minn missier jew l-omm addottiv, jew minn tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk*

*ghal xi zmien, ikun giet fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha.'*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija versus Wiffen, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, ikkonfermat:

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'*

Imbaghad fis-sentenza Pulizija versus Andrew Bonnici, deciza fit-23 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

*'Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.'*

Illi l-azzjonijiet jew atti di libidini illi l-minuri jitkellem fuqhom fix-xhieda tieghu huma l-mess tal-genitali tal-minuri mill-imputat, iz-zieghil fuq il-kuxxtejn il-minuri, it-tqeghid ta' id il-minuri fuq il-genitali ta' l-imputat, u l-bews sfurzat fuq xufftejn il-minuri mill-imputat, apparti l-kliem ta' stedin u nkoraggiment sabiex isir l-att sesswali.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, u mill-insenjament mill-Qrati ta' l-Appell Kriminali fuq indikat, din il-Qorti m'ghandhiex dubju illi l-atti zienja ta' l-imputat jikkwalifikaw ghal dak illi l-ligi ssejjah *'eghmil zieni'* jew atti di libidini.

Meta giet biex tezamina kemm-il darba l-azzjonijiet ta' l-imputat attwalment kellhom xi effett korruttiv fuq il-minuri koncernat, din il-Qorti ezaminat dawk il-principji li gew delinejati mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza Ir-Repubblika ta' Malta versus Carmelo Spiteri, deciza fl-20 ta' Marzu 1989, fejn intqal:

*'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'*

Illi fil-kaz in ezami, certament il-Qorti m'ghandha ebda xrara ta' provi illi juri b'xi mod anke remot illi l-minuri *omissis A* ta' *omissis* snin kellu xi esperjenzi ta' natura sesswali qabel id-data ta' l-akkuzi migjuba kontra l-imputat.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-atti zienja kommessi fuq il-minuri, certament hallew effett korruttiv fuq il-personalita' ta' dan il-minuri. Din il-Qorti kellha l-opportunita' tisma' x-xhieda ta' Rita Micallef dwar it-twerwir tat-tifel meta dan rega' dahal fil-kazin ezattament wara li harab mill-fond ta' l-imputat. Di piu', il-Qorti rat u apprezzat ix-xhieda ta' omm il-minuri dwar it-twerwir ta' dan it-tifel li llum il-gurnata, dan lanqas biss jazzarda jidhol f''public toilets' ta' l-irgiel u li hija jkollha takkumpanja lit-tifel biex juza' 'toilets' riservati ghan-nisa. Din certament hija riflessjoni ta' wahda mill-aspetti trawmatici ta' tifel sesswalment abbuzat.

Illi ghar-rigward tat-tieni akkuza, u cioe' illi l-imputat eccita, ghen jew iffacilita' l-korruzzjoni ta' l-istess minuri, din il-

Qorti tifhem illi din l-akkuza, ghal fini ta' piena, hija wahda li ghandha tigi assorbita fl-ewwel akkuza.

Il-Qorti issa sejra tghaddi biex tezamina t-tielet akkuza, u cioe' dik kontemplata fl-Artikolu 199 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:

*'(1) Kull min jisraq persuna bi vjolenza, bil-hsieb li jabbuza minnha jew li jizzewwigha, jehel, fl-ewwel kaz, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn tmintax-il xahar sa tlett snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha…(omissis);*
*(2) Il-piena msemmija fis-subartikolu (1) jghoddu ghal kull min jisraq, b'qerq jew seduzzjoni, persuna taht l-eta' ta' tmintax-il sena, li tkun taht is-setgha tal-genituri jew ta' tuturi, jew taht hsieb haddiehor, jew f'lok ta' edukazzjoni.'*

Ikkunsidrat:-

Illi l-fatti speci ta' dan il-kaz juru b'mod car illi waqt li dan il-minuri *omissis A* kien qieghed jirritorna d-dar, l-imputat li kien iltaqa' mieghu fil-hanut ftit hin qabel, avvicinah u stiednu d-dar. Il-minuri rrifjuta ghaliex infurmah illi hu kien diga' jaf kif inhi l-medda tad-dar ghax kien hemm xi hbieb tieghu illi kienu jirrisjedu hemmhekk precedentement ghall-imputat.

Illi meta waslu vicin tal-fond ta' l-imputat, l-imputat b'forza, qabad lill-minuri minn idejh, gibdu gewwa u sakkar il-bieb.

Din il-Qorti taghraf illi dan il-htif tal-minuri sar bi vjolenza fizika u li sar ukoll b'ammont sostanzjali ta' qerq, fis-sens illi l-imputat baqa' jitrattjeni mal-minuri bi stedin repetut, sakemm it-tnejn waslu vicin hafna tal-fond ta' l-imputat, biex b'hekk l-imputat seta' facilment jahtaf lill-minuri u jdahhlu fil-fond tieghu bi vjolenza.

Il-Qorti rat dak sollevat mid-Difiza, fin-nota taghha a fol 125, u b'ebda mod ma tista' takkolji s-sottomissjonijiet maghmula. Dan qieghed jinghad ghaliex l-Avukat Generali incita l-**Artikolu 199(1),** kif ukoll 199(2), u xejn fl-Artikolu

199(1) ma jindika xi rekwizit tal-post minn fejn il-persuna ghandha tigi misruqa.

Illi ghaldaqstant, jidher illi l-elementi kardinali tar-reat mahsub taht l-Artikolu 199(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jissussistu.

Illi ghar-rigward tar-raba' akkuza, u cioe' dik kontemplata taht l-Artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' l-arrest jew is-sekwestru llegali tal-minuri, din il-Qorti, takkolji l-principji delinejati mill-Qorti Kriminali, fil-kawza Repubblika ta' Malta versus Denis Pandolfino et, deciza per Imhallef Joseph Galea Debono, fid-19 t'Ottubru 2006, fejn gie retenut illi d-detenzjoni minn akkuzat tal-minuri, kien element essenzjali mill-offiza ta' korruzzjoni ta' minorenni, u ghaldaqstant, ma jikkostitwix fih innifsu reat separat.

Ghar-rigward tal-hames akkuza, ix-xhieda tal-minuri turi b'mod car illi l-atti di libidini u cioe' l-mess da parti ta' l-imputat tal-parti genitali tal-minuri, fil-kazin tal-banda ta' Wied il-Ghajn, huma atti li joffendu l-pudur jew il-morali, u li dawn saru f'lok pubbliku jew lok espost ghall-pubbliku, ai termini ta' l-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza b'assorbiment ghal fini ta' piena tat-tieni akkuza, hati tat-tielet akkuza, mhux hati tar-raba' akkuza li minnha tilliberah, u hati tal-hames akkuza, u wara li rat l-Artikoli 203, Paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 203, 203A, 199(1), u 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal erba' snin prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li fih l-imputat ghamel f'arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------